MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Numru 143/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud u
Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**RENALD ATTARD**

**Illum 4 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Renald Attard ta' 19 il-sena, bin Raymond u Maria nee` Galea, imwieled il-Pieta` fit 8 ta' Ottubru 1984 u joqghod 22 Flat 2 St. Francis Street Floriana, detentur tal-karta tal-identita` numru 499684M gie akkuzat:

Talli fit-23 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-7.30 P.M., fuq il-pont ta’ Bieb il-Belt, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea, skond ma ccertifika it-tabib Dr. Allan Drago M.D. mill Isptar San Luqa, u dan b’arma, strument jew ghodda irregolari, u dan bi ksur tal-Artikoli 64, 214, 216, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa permezz ta’ l-istess arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura hafifa fuq Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea, skond ma ccertifika it-tabib Dr. Allan Drago M.D. mill Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa kisru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b’mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) u (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa hebb ghal Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta’ Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea weggaghhom bi kliem b’gest jew b’xi mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa imbotta lill imsemmija Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea sabiex iweggghahom jew jinsulentahom u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea u tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PJ1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 64, 214, 216, 221(1), 338(m), 338(dd), 338(bb), 342, 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(l) u 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Renald Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-Fedina Penali netta tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Renald Attard ghall-piena komplessiva ta’ hmistax (15) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum l-imputat Renald Attard jikkommetti reat iehor punibbli bi priguneija.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-art. 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Renald Attard b’obbligazzjoni personali ta’ mitt liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Godwin Attard, Massimo D’Agostino u Rayvin Galea ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Renald Attard l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------